MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 6/2000/1

Joseph u Josephine konjuġi Grima .

vs

Joseph u Maria konjuġi Saliba,
U b'degriet tal-4 ta' Gunju, 2008,
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Julius Hehorai,
Minflok Joseph Saliba li miet fil-mori tal-kawża,
U b'degriet tal-25 ta' Settembru, 2009
Dr. Jean Paul Grech ġie nominat kuratur Deputat
Sabiex jirrappreżenta l-wirt tal-mejjet Joseph Saliba.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi permezz ta' skrittura privata datata disgħa (9) ta' Marzu 1998, hawn esebita u markata bħala Dokument "A", l-attur

xtara mingħand il-konvenut diversi oġġetti, kollha indikati u deskritti fl-istess skrittura privata hawn fuq imsemmija u dana bil-prezz ta' ħamest'elef u ħames mitt lira (Lm 5,500);

Illi l-kunsenja tal-istess oġġetti kellha ssir mill-Ingilterra ftit ta' jiem, wara l-ftehim u fil-fatt mal-istess l-attur ħallas lill-konvenut l-ammont kollu tal-prezz u ċioe' s-somma ta' ħamest'elef u ħames mitt lira (Lm5,500);

Illi sussegwentament meta waslet il-konsenja f'Għawdex, irriżulta li l-istess konvenut naqas fil-fatt li jikkonsenja lill-attur diversi oġġetti minn dawk minnu mixtrija filwaqt oġġetti oħra instabu mill-attur li kellhom parts minnhom nieqsa u li ma kienux tal-kwalita' kif miftehma;

Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti diversi drabi sabiex joneraw il-ftehim ta' bejniethom u jikkonsenjaw l-oġġetti mixtrija, pero' l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti;

Illi l-atturi minħabba l-inadempjenza kontrattwali tal-istess konvenuti sofrew danni u dana peress illi huma dejjem tħallew jistennew l-istess oġġetti li baqgħu ma ġewx lilhom ikkonsenjati mingħajr ma ingħataw raġuni valida fil-liġi bir-riżultat, għalhekk, illi huma la għandhom kapital ta' flus biex jinvestu f'xiri ta' oġġetti oħra simili u fi kwalunkwe każ il-prezz tagħhom illum għola ferm u l-attur anki tilef diversi opportunitajiet ta' xogħol a kawża ta' dina l-inadempjenza kontrattwali tal-istess konvenuti u dana kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tħoll l-istess bejgħ;

2. Tordna lill-konvenuti sabiex jieħdu lura l-oġġetti kollha li ġew ikkonsenjati lill-atturi u jirrestitwixxu lilhom il-prezz kollu minnhom imħallas u ċioe' s-somma ta' ħamest'elef u ħames mitt lira (Lm 5,500) bl-imgħaxijiet legali minn meta l-istess somma ġiet imħallsa lill-konvenuti u preċiżament mid-disgħa (9) ta' Marzu, 1998;

3. Tiddikjara wkoll illi l-istess konvenuti huma responsabbli għal ħlas tad-danni fil-konfront tal-istess atturi, f'liema danni hemm ukoll it-telf ta' xogħol u nuqqas ta' qliegħ tal-istess atturi u minħabba l-inadempjenza kontrattwali tal-istess konvenuti, u dana okkorrendo permezz ta' perit li għandu jiġi nominat għall-istess fini;

4. Tillikwida l-istess danni sofferti mill-atturi;

5. tikkundanna lill-istess konvenuti li jħallsu lill-atturi d-danni kollha hekk minnhom sofferti u likwidati.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-għoxrin (20) ta' Lulju 1999 u dik bonarja tat-tletin (30) ta' Marzu, 1999 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka. Bl-imgħaxijiet ukoll skond il-liġi mid-data tal-ħlas tal-istess prezz u ċioe' mid-disgħa (9) ta' marzu, 1998.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Grima.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok hemm l-illegittimita' fil-presuna tal-konvenut in kwantu kif jaf tajjeb l-attur, il-konvenut ma nnegozjax bejgħ ma l-attur iżda sempliċement ippresta s-servizzi tiegħu għall-importazzjoni f'Malta ta' merkanzija sekonda mano mir-Renju Unit.

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess id-domandi attriċi qed jiġu kkontestati bħala nfondati fid-dritt u fil-fatt billi ma jissussistux l-elementi rikjesti bil-liġi sabiex iwasslu għar-rexissjoni tal-ftehim ta' bejgħ.

3. Illi huwa kkontesta ukoll li kien hemm avarija sostanzjali bejn il-lista ta' l-oġġetti li dwarha sar il-ftehim u l-konsenja proprja.

Salvi eċċezzjonijiet fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minn Joseph Saliba.

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Marzu 2006 li bih innominat lill-avukat Dottor Kevin Mompalao bħala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-kwalita tal-merkanzija konsenjata lill-atturi.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Frar 2007 fejn dan l-inkarigu tal-perit tekniku ġie estiż sabiex jagħti wkoll valutazzjoni ta' l-istess merkanzija.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku ppreżentata fl-1 ta' Diċembru 2009 u minnu maħlufa fit-12 ta' Frar 2010.

Rat il-verbal tagħha tal-21 ta' April 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda u affidavits prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu r-rexxissjoni tal-bejgħ ta' diversi oġġetti relatati ma' l-istallazzjoni ta' l-elettriku, mixtrija mingħand il-konvenut permezz ta' skrittura privata datata d-9 ta' Marzu 1998.[1] Dan għaliex, apparti l-fatt li kien hemm ħafna mill-oġġetti deskritti f'dik l-iskrittura li ma ġewx ikkonsenjati, oħrajn kienu difettużi jew mhux adattati għax-xogħol li għalih kienu ntenzjonati. Qed jitolbu wkoll id-danni konsegwenzjali għal dan il-bejgħ.

In linea preliminari l-konvenuti eċċepew l-illeġittimita' fil-persuna tal-konvenut billi dan ma nnegozjax bejgħ ma' l-attur imma sempliċement ippresta s-servizzi tiegħu għall-importazzjoni f'Malta ta' din il-merkanzija. Fil-mertu mbagħad eċċepew li ma jissussistux l-elementi rikjesti bil-liġi għar-rexxissjoni tal-bejgħ, u li ma kienx hemm xi

[1] Dok. A annessa maċ-ċitazzjoni a fol. 5 - 6 tal-proċess

avarija sostanzjali bejn il-lista ta' l-oġġetti li dwarha sar il-ftehim u l-konsenja proprja.

Dwar l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita' tal-persuna tal-konvenut, irriżulta ampjament illi dan in-negozju sar kollu kemm hu bejn il-konvenut minn naħa u l-attur minn naħa l-oħra. Ġara illi fiż-żmien li saret l-iskrittura msemmija, l-attur kien qed jagħmel xi xogħol ta' stallazzjoni ta' l-elettriku fi blokk ta' appartamenti tal-familja ta' l-attur. F'xi ħin il-konvenut infurmah li kellu *container* mimli b'apparrat għall-istallazzjoni ta' l-elettriku li seta' jinteressah. Dan kien jinsab l-Ingilterra u hu kien ippreparat iniżżlu Malta, kemm-il darba jsib il-bejgħ tiegħu. Wara li ġie spjegat lill-attur f'hiex kienet tikkonsisti l-merkanzija u dan tħajjar, ġie miftiehem il-prezz u saret l-iskrittura in kwistjoni. Sar il-pagament ta' Lm5500 li ġie rikonoxxut fuq l-iskrittura, u l-konvenut beda jagħmel il-preparazzjonijiet meħtieġa sabiex dan il-*container* jiġi trasferit lejn Malta. Wara xi ħmistax-il ġurnata l-attur ġie nfurmat illi l-*container* kien wasal u kien jinsab id-Dwana. Saru l-arranġamenti biex jiġi rilaxxjat, u l-partijiet ftehmu wkoll dwar it-trasport tal-*container* lejn Għawdex. Imma minflok il-*container* li kien qed jistenna, l-attur skopra illi l-konvenut kien bgħatlu biss erba' *pellets* fuq truck żgħir. Ipprova mal-ewwel jirrifjutahom, imma tat-truck insista miegħu li kellu jagħmel id-*delivery* kif kien ġie inkarigat biex jagħmel, u l-attur ma kellux għażla ħlief illi jiġborhom f'*garage* li offrielu ċertu Carmel Spiteri, li kien jaħdem miegħu, fejn għadhom maħżuna sa' llum. Meta eżamina l-merkanzija mibgħuta, nduna li kien hemm ħafna mill-oġġetti mniżżla fl-iskrittura li kienu neqsin, oħrajn kienu danneġġjati, u oħrajn mhux adattati għax-xogħol tiegħu.

Il-konvenut laħaq xeħed biss fl-okkazzjoni li ried jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, għax imbagħad miet fil-mori tas-smiegħ tal-kawża. Imma mill-ftit li qal, joħroġ b'mod inekwivoku illi n-negozju għal dak li għandu x'jaqsam l-attur, sar biss mal-konvenut, u l-attur ma kellu ebda konnessjoni ma' xi terzi li minn naħa tagħhom setgħu biegħu l-istess oġġetti lill-konvenut. Infatti, kif ammetta l-konvenut stess, huwa għamel minn kollox biex jerġa' jsib il-bejgħ ta' dawn l-oġġetti fi sforz li l-kontendenti

jittransiġu din il-kawża, ħaġa li ċertament ma kienx ser jindaħal biex jagħmel kieku ma kellux x'jaqsam ma' dan in-negozju, ħlief li serva ta' kurrier, kif sostna fl-eċċezzjonijiet tiegħu.

Niġu għalhekk għat-trattazzjoni tal-mertu. Il-konvenuti jinsistu li ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi azzjoni bħal din. L-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili tagħna li jirregola l-bejgħ ta' oġġett mhux skond il-kwalita' miftehma jew bħall-kampjun jistabilixxi illi:

**"Jekk il-ħaga li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwiegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti."**

Fil-każ tagħna l-atturi għamlu l-ewwel għażla u qed jitolbu r-rexxissjoni tal-bejgħ. Il-**Baudry Lacantinerie** jiddiskuti d-diffikulta' għax-xerrej li jinduna li l-oġġett mixtri ma kienx tal-kwalita miftehma bil-mod segwenti:

"*Allorche' la merce consegnata dal venditore non riunisce le qualita' promesse o quando non e' conforme al campione, il compratore e' forse in obbligo di rifiutarla al momento stesso, in cui gli e' consegnata? Ha egli per farlo un temine limitato? La legge non prescrive alcun termine. Senza dubbio il compratore deve rifiutare la mercanzia con molta sollecitudine perche' il suo silenzio non possa essere considerato come un'accetttazione della mercanzia, nonostante i suoi diffetti; ma gli occorre il tempo necessario per farne la verifica. Egli puo' di regola, rifiutare la mercanzia difettosa* ***finche' non l'abbia accettata espressamente o tacitamente***."[2]

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, l-attur żgur li ma kellux l-opportunita' jeżami l-oġġetti miftehma meta sar il-bejgħ, għax dakinhar li saret l-iskrittura Dok. A, huwa ġie mwiegħed biss l-oġġetti ndikati fuq l-istess skrittura, li suppost kellhom ikunu oġġetti relatati mal-mestier ta' l-

[2] op. cit. para. 312 pag. 324 .

attur bħala *electrician.* L-ewwel okkażżjoni li kellu biex jeżamina l-istess oġġetti kien meta żarma l-*pellets* li rċieva mingħand il-konvenut fil-*garage* ta' Spiteri. Li dawn l-oġġetti ma kienux fil-kwantita' u l-kwalita' pattwita, ġie konfermat mill-espert tekniku li kkonkluda illi: "…*l-valur attribwit mill-partijiet ta' ħamest elef u ħames mitt liri maltin (Lm5500) għal dan il-lot ta' materjal u għodda ta' l-elettriku meta l-attur kien għadu lanqas ra dawn l-oġġetti iżda qagħad biss fuq il-kelma tal-konvenut, li rriżulta li m kienitx il-kelma veritiera, huwa wieħed ferm għoli għal dak illi verament jiswa dan il-lot ta' affarijiet. Dan fid-dawl tal-fatt illi l-oġġetti ma kienux kollha ta' kwalita', ma kienux ġodda, kienu surpluses ta' materjal u ħafna minnhom kienu bla użu jew użu ristrett. L-esponent iħoss illi l-valur ġust ta' dan il-lot ma jaqbiżx il-ħamest elef u ħames mitt Ewro, pari għal elfejn tlett mija u wieħed u sittin liri Maltin (LM2,361)*…". [3]

Fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża, kien hemm qbil bejn il-kontendenti li l-oġġetti in kwistjoni setgħu jibqgħu għand Carmel Spiteri, u l-attur ġie eżentat milli jagħmel id-depożitu.[4] M'għandu jkun hemm ebda problema għalhekk f'dan ir-rigward, in vista tal-ġurisprudenza li tirrikjedi li x-xerrej m'għandux jibqa' jżomm l-oġġetti rifjutati.[5]

Għaldaqstant billi l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din ġew sodisfatti, m'għandu għalhekk jibqa' ebda ostakolu sabiex it-talba għar-rexxissjoni tiġi milqugħa.

Jibqa' biss il-kwistjoni tad-danni. Ġie konfermat permezz tax-xhieda ta' Carmel Spiteri,[6] u ġiet anke prodotta skrittura privata f'dan is-sens,[7] illi l-attur intrabat li jħallas lill-istess Carmel Spiteri s-somma ta' mitt lira maltija (Lm100) fis-sena għall-magażżinaġġ ta' l-oġġetti minnu mixtrija mingħand il-konvenut. Billi s-somma miftehma

---

[3] ara para. 19 tar-relazzjoni a fol. 173 - 174 tal-process, u para. 13 a fol. 171 – 172 .
[4] ara verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2005 a fol. 96 .
[5] ara per. ez. Qorti ta' Ghawdex, Sup. Civ. G.D. Trading Company Ltd. vs Mario Grech et.: 14.3.2000 .
[6] ara deposizzjoni tieghu a fol. 102 .
[7] Dok. CS 1 a fol. 104 .

m'hi xejn esaġerata fiċ-ċirkostanzi, għandha tkun ripetibbli. Minn April tas-sena 1998, meta l-oġġetti twasslu Għawdex, sa llum jiġi li l-attur għandu jagħti lil Carmel Spiteri għall-ħażna ta' dawn l-oġġetti, is-somma ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1200), li ġustament qed jirreklama bħala danni mingħand il-konvenut. Għalkemm fiċ-ċitazzjoni, l-atturi jagħmlu referenza għal xi telf ta' xogħol u qliegħ li allegatament bata' l-attur minħabba l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenut, ma tressqu ebda provi f'dan ir-rigward.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi, u:

1. tirrexxindi l-bejgħ li kien sar permezz ta' l-iskrittura privata datata d-disa' (9) ta' Marzu 1998 u esebita flimkien maċ-ċitazzjoni bħala Dokument A;

2. tordna lill-konvenut nomine sabiex jieħhu lura l-oġġetti kollha li ġew ikkonsenjati lill-atturi u jirrestitwixxi lilhom il-prezz kollu minnhom imħallas, u ċioe' s-somma ta' ħamest’elef u ħames mitt lira maltija (LM5500), pari llum għal tnax-il elf tmien mija u ħmistax-il euro (EUR12815), bl-imgħaxijiet legali mid-disgħa (9) ta' Marzu elf disa’ mija u tmienja u disgħin, (9.03.1998), u ċioe' d-data meta l-istess somma ġiet imħallsa, sad-data tal-pagament effettiv;

3. tiddikjara wkoll lill-konvenuti responsabbli għall-ħlas tad-danni fil-konfront ta' l-atturi;

4. tillikwida dawn id-danni sal-ġurnata ta' llum fis-somma ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1200) pari għal elfejn seba' mija sitta u disgħin euro (EUR2796); u

5. tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex iħallas dawn id-danni lill-atturi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-għoxrin (20) ta' Lulju 1999 u dik bonarja tat-tletin (30) ta' Marzu 1999 kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------